MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 157/2010

**Il-Pulizija
(Spt. Mario Tonna)
Vs
Joanne Persiano**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar it-8 ta' Lulju 2007, gewwa Triq il-Kbira San Guzepp, il-Hamrun ghal habta tad-9:20a.m.:

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragini jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghha, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti ta' traffiku waqt li kienet qed issuq vettura numru JAA364, ikkagunat il-mewt ta' Clint Vella, u dana bi ksur ta'l-artikolu 255 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragini jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghha, jew b'nuqqas ta' tharis

ta' regolamenti,, ikkagunat xi hsara jew hassret jew gharrqet xi haga u cioe' mutur tal-ghamla Yamaha numru LCB271 ghad-dannu ta' Randolph Calleja minn Santa Venera, u dana bi ksur ta'l-artikolu 328 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Saqet il-vettura JAA364 b'manjiera bla kont, traskurata u perikoluza u dana bi ksur ta'l-artikolu 15(1)(a) ta' Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli ma haditx il-prekawzjonijiet mehtiega meta kienet qed issuq il-vettura JAA364 minn triq sekondarja ghal triq maggura.
Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-24 ta' Marzu, 2010, li biha lliberat lill-appellata minn kull akkuza migjuba fil-konfront taghha.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fid-9 ta' April, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok wara li tqis bir-reqqa l-provi f'dan il-kaz issib lill-appellata hatja ta' l-akkuzi kif dedotti kontra taghha w tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellata esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-
Illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi li ngabu u tal-ligi applikabbli ghall-kaz in ezami.

Ikkunsidrat :

Din il-kawza tirrigwarda kollizjoni illi grat il-Hadd 8 ta' Lulju 2007 ghal xi 9.20 a.m. fi Triq il-Kbira, l-Hamrun, kantuniera ma' Canon Road, Hamrun bejn Rover JAA 364 misjuq mill-appellata w mutur Jamaha LCB 271 misjuq minn Clint Vella. Dan ta' l-ahhar sofra griehi ta' natura

gravi f'rasu tant illi miet l-isptar ftit granet wara fit-12 ta' Lulju 2007.

L-appellata qed tigi addebitata bil-qtil involontarju ta' Clint Vella minhabba s-sewqan traskurat u negligenti.

B'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fl-24 ta' Marzu, 2010 dik il-qorti ma sabitx lill-appellata hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghha w illiberataha minn kull imputazzjoni u htija.

L-Avukat Generali pero` deherlu illi ma kellux ikun hemm liberatorja kompleta peress illi l-appellata kellha tassumi parti mir-responsabbilita` ta' dan l-incident u ghalhekk interpona appell lil din il-Qorti.

Ikkunsidrat :

Il-fatti illi mhumiex in diskussjoni f'dan l-incident huma illi l-appellata kienet hierga minn “side road” ghal fuq “main road” fejn kien hemm “stop sign”, liema “stop sign” giet rispettata mill-istess appellata.

It-tieni illi l-vittma Clint Vella kien qed isuq il-mutur tieghu f'”main road” tielgha l-fuq lejn id-direzzjoni ta' Santa Venera b'velocita` eccessiva hafna. Kwindi ghall-soluzzjoni ta' din il-vertenza l-Qorti trid tara r-regolamenti kif ukoll il-gurisprudenza dwar ir-responsabbilitajiet rispettivi ta' min ikun hiereg minn “side road” kif ukoll l-utent ta' triq principali.

Kif tajjeb osservat l-Ewwel Qorti l-artikolu 213 tal-“Highway Code” jiddisponi *“f'salib it-toroq jew ghaqda ma' triq principali ma' triq sekondarja, t-traffiku fit-triq sekondarja ghadu jaghti d-dritta lit-traffiku li jkun ghaddej fih, jew li jkun hiereg minn, it-triq principali”.*

Fuq dan l-artikolu osservat tlett regolamenti importanti u cioe`

1. illi s-sewwieq jersaq b'attenzjoni kbira lejn l-inkrocju bil-hsieb li jaccerta ruhu li ma jkunx sejjer jiddisturba t-traffiku li jkun ghaddej fi triq principali;

2. li jaccerta ruhu li ma jkunx hemm traffiku fuq it-triq principali jew almenu jkun qieghed il-boghod b'tali mod li jkun jista` johrog minghajr xkiel;
3. li jcaqlaq ghal fuq il-karreggjata principali bil-mod jew "inching out" sabiex ikollu vizwali ahjar tat-triq u jikkontrolla l-vettura tieghu skond ic-cirkostanzi.

Din il-Qorti m'ghandha l-ebda kummenti x'taghmel dwar dawn it-tlett osservazzjonijiet illi ghamlet l-Ewwel Qorti li huma indubjament korretti u konformi mal-gurisprudenza kostanti in materja.

Fil-kawza "Il-Pulizija vs Pawlu Borg" (Vol. XXXVI-I-page 797) il-Qorti qalet *"ghalkemm driver ghandu joqghod dejjem attent sia jekk ikun fi triq dritta, kemm ukoll jekk ikun sejjer tidhol fiha, huma nitriwittiv, u hu principju affermatt f'diversi decizjonijiet tal-Qrati Inglizi illi d-driver li sejjer jidhol fit-triq id-dritta, minn triq ohra ghandu obbligu aktar minn dak id-driver fuq it-triq id-dritta, ghas-semplici raguni li jkun sejjer jaqsam l-"stream of traffic" li jkun hemm fit-triq id-dritta; mentri d-driver fuq it-triq id-dritta, ladarba sejjer ikompli ghad-dritt, ma jkunx sejjer ifixxkel lil hadd."*

Ghalhekk b'mod generali d-dover tas-sewwieq li jkun sejjer jaqsam triq principali u jiddisturba l-kors normali tat-traffiku ghandu grad ta' attenzjoni ferm aktar gholi minn dak is-sewwieq li jkun ghaddej fuq triq principali fejn allura s-sewwieq fit-triq sekondarja ghandu l-obbligu u l-kompitu` illi jaccerta ruhu li jkun jista` johrog mit-triq sekondarja minghajr perikolu u tfixxkil ghal utenti l-ohra.

L-istess "Il-Pulizija vs Anthony Galea" (Vol. XXXVII-IV-page1137) fejn ikkwotat is-sentenza Ingliza McNair vs Glasgow Corporation fejn intqal *"the duty of a driver whose course is calculated to disturbe the ordinary stream of traffic on a road is of a higher order. The more risky and difficult the manoevre is the greater the duty incumbed on the driver. In the sence therefore, the turning out of a side road onto a major road the side's road driver obbligation is higher."* (ara wkoll Hugh P.

Zammit noe. vs Raymond Debono Prim'Awla 16.10.1995 u Pulizija vs G. Galdes Vol. XXXVII – page 1108).

Dan ifisser kwindi illi l-appellata darba waslet f'tarf it-triq fejn kien hemm "stop sign" kellha l-obbligu illi tieqaf jew tohrog "inching out" sakemm ikollha l-viwali tajba tat-triq principali, fejn allura hemmhekk tista` tiddeciedi ghandhix tkompli bil-perkors taghha jew le, liema decizzjoni jiddependi mill-volum tat-traffiku fit-triq principali u kemm dan il-volum kien sejjer jippermettilha tohrog fuq it-triq principali minghajr ma tiddisturba l-kors ordinarju tat-triq.

Fi kliema stess, l-appellata riedet iddur lejn il-lemin fejn allura, kien jinkombi fuqha attenzjoni akbar sabiex taccerta ruhha illi hija ma tiddisturbax il-perkors tal-vetturi li jkunu gejjin minn fuq il-lemin taghha.

L-Ewwel Qorti osservat li l-prosekuzzjoni ma pproducietx xiehda okulari ghal dan l-incident oltre l-istess appellata w l-Ewwel Qorti kellha toqghod fuq il-verzjoni taghha w kif din il-verzjoni kienet tinsab ikkorobborata mill-provi cirkostanzjali ohra bhal ma kienu l-iskecc u relazzjonijiet tal-esperti mahtura waqt l-istadju tal-inkjesta Magisterjali.

L-appellata qalet illi meta waslet f'tarf ta' Cannon Road u qabel ma daret ghal Triq il-Kbira, waqfet sabiex tesplora t-triq. Minhabba karozzi pparkjati ma genb it-triq fuq il-lemin taghha ma setghetx tara sew il-viswali minn dik in-naha w ghalhekk harget bil-mod "inching out" biex taccerta ruhha, biex tara min kien gej minn dik in-naha.

L-istess sitwazzjoni kienet fuq in-naha tax-xellug fejn, wara li sporgiet bizzejjed sabiex tara t-triq kollha, w rat illi kien hemm spazju bizzejjed sabiex tohrog minghajr ma tiddisturba l-kors normali tat-traffiku bdiet hierga bil-mod ghal go t-triq principali. Wara li kwazi ghaddiet in-nofs semghet hoss qawwi ta' mutur gej minn naha tal-lemin u f'lehha ta' berqa kien fuqha. Ma kellhix chance tevita dan l-incident hlief illi taghfas il-brake u twaqqaf il-karozza taghha ftit mumenti qabel l-impatt. L-impatt kien wiehed frontali. Clint Vella illi kien qed isuq il-mutur, tar minn fuq il-mutur, tilef il-"crash helmet" u habat rasu mal-art tant illi

sofra ksur fil-kranju konsegwenza ta' liema miet ftit granet wara fl-isptar San Luqa.

Ghalhekk f'dan l-istadju tqum il-kwistjoni illi safejn jista` jinghad illi s-sewqan eccessiv ta' Clint Vella kienx il-fattur principali ta' dan l-incident jew kellux jitqies bhala fattur kontributorju tieghu.

Fuq din il-kwistjoni l-gurisprudenza taghna ttina diversi gwidi.

Ikkunsidrat :

B'sentenza moghtija mill-Qorti Civili tal-Appell fis-27 ta' Gunju 2009 fl-smijiet Joseph Grima vs Carmelo Pace dik il-Qorti sahqet fuq id-dmir li min ikun se jaqsam il-passagg ta' vettura ghaddejja fid-dritt fi triq ewlenija ghandu jithalla ghaddej u ma jostakulax il-passagg. Mihiex skuza li tghid li din il-vettura kienet ghaddejja bi speed "high", darba li min ikun se jaqsam lill-vettura l-ohra jkun ra gejja fil-hin. Dan it-taghlim huwa bbazat fuq il-principju ta' "proper look out" fejn, kull sewwieq ghandu jkun mohhu attent fit-triq, jara dak li hu vizibbli u jirregola s-sewqan tieghu skond dawk ic-cirkostanzi.

F'din is-sentenza l-Qorti qeghda titkellem dwar speed naqra "high" fejn allura sewwieq iehor jista` jkun f'posizzjoni illi jara dik il-vettura gejja.

Dan huwa kkorroborat minn diversi sentenzi f'dawn il-Qrati fejn sostnew illi velocita` xi ftit elevata da parti tal-"main road user" ma jwassalx ghal sehem fil-htija da parti tal-"main road user" li jkollu skontru mas-"side road user", sakemm dan ta' l-ahhar ikun f'posizzjoni illi jara l-"main road user" gej u jiehu l-mizuri necessarji (ara per ezempju Farrugia vs Lucas 17-06-1975 per J. Schembri, Paul Caruana vs Joseph Vella 08-06-1987 per J. Borg Costanzi, Francis Zammit vs Marcel Mercieca 27-05-1993 per M. Mallia Qorti Ghawdex).

Ghalhekk il-principju regolatur huwa illi velocita` xi ftit elevata fiha nnifisha ma ggorr l-ebda presunzjoni kontra s-

sewwieq, sakemm ma jirrizultax illi dik il-velocita` eccessiva setghet kienet il-fattur principali tal-incident in kwistjoni u mhux biss fattur kontributur.

Il-Qorti ssaqsi, f’liema sitwazzjoni allura velocita` elevata jew eccessiva tkun fattur principali ta’ kollizzjoni biex teskolpa kompletament sewwieq iehor illi jkollu fuqu obbligi aktar onoruzi minn dak is-sewwieq li jkun qed isuq b’velocita` eccessiva?

B’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta’ Ottubru 1998 fil-kawza fl-ismijiet Karl Gelanze` vs Anthony Brown il-Qorti qalet li meta sewwieq ikun qed isuq bi speed mhux ragjonevoli ghall-lokalita` in kwistjoni tant li ma jkunx fil-kontroll shih tal-vettura tieghu, jaf ikun fattur li wahdu jaghti unikament responsabbilita` lil dan is-sewwieq ghall-incident li rrizulta minn dan l-ispeed.

L-istess jinghad f’kawza moghtija wkoll mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta’ Settembru 2000 fl-ismijiet Christopher Ellul vs Simon Gatt fejn hawnhekk sewwieq li kien qed isuq b’velocita` eccessiva instab unikament responsabbli ghall-incident u l-Qorti dahlet fil-kuncett ta’ “self inflicted incapacity”.

F’dan il-kaz il-Qorti ma zammitx il-parti l-ohra responsabbli tal-incident anki jekk il-manuvra tieghu setghet effettwat il-kors normali tat-traffiku.

F’dan il-kaz Clint Vella, li kien fuq triq principali kien qed isuq il-mutur tieghu b’velocita` eccessiva w pogga ruhu f’sitwazzjoni illi ma setghax jikkontrolla l-mutur f’emergenza illi tfaccat quddiemu. It-traskuragni ta’ Vella hija manifesta mhux biss ghal fatt illi kien qed isuq bi speed eccessiv imma dan kien qed jaghmlu fi triq traffikuza w fil-qalba tal-bini bhal ma hi Triq il-Kbira, l-Hamrun.

Il-Qorti tirrileva illi fit-toroq affollati taghna s-sewwieqa m’ghandhom jassumu xejn u kull meta javvicinaw xi inkocji anki meta jkunu ghad-dritta jridu joqghodu ferm attenti ghal dak kollu li qed jigri madwarhom u

specjalment minn vetturi ohra li jkunu hergin minn toroq laterali illi jaghtu ghal fuq it-triq principali.

Fi Triq il-Kbira, l-Hamrun hemm hafna toroq laterali illi jaghtu ghal go t-triq il-Kbira w minkejja illi min ikun qed isuq fi Triq il-Kbira ghandu d-dritta, dana ghandu joqghod ferm u ferm attent ghal min ikun hiereg minn dawn it-toroq laterali u zgur m'ghandu, taht l-ebda cirkostanzi jsuq b'velocita` eccessiva fi triq bhal dik.

Din il-Qorti bhal Qorti tal-Magistrati ma ssib l-ebda tort bl-operat tal-appellata, li hadet il-prekawzjonijiet kollha neccessarji mehud in konsiderazzjoni l-ghamla tal-inkrocju kif ukoll l-ostaklu li kellha bil-karozzi pparkjati fuq in-naha tal-lemin u tax-xellug taghha.

Minn naha l-ohra l-Qorti ssib hafna x'ticensura fl-operat ta' Clint Vella, li, appart l-fatt illi l-mutur ma kienx tieghu u ma kienx licenzjat biex jintuza fit-triq, saq b'velocita` eccessiva li pogga ruhu f'sitwazzjoni ta' inkapacita` biex jara dak illi kien hemm quddiemu.

L-appellata ma setghet taghmel xejn. Vella gie fuqha lehha ta' berqa bil-velocita` eccessiva li kien qed isuq, dahal fuqha frontalment, tar minn fuq il-mutur, habat rasu mal-art u sofra feriti ta' natura gravi, naturalment accentwati mall-fatt illi l-"helmet" ma kienx marbut ma' rasu u dana tar fil-mument tal-impatt. Ta' dan pero` huwa responsabbli esklussivament l-istess Vella illi hassu daqshekk kunfidenti illi jsuq mutur fi triq traffikuza, b'velocita` eccessiva w "helmet" mhux marbut.

Din il-Qorti taqbel mad-decizzjoni tal-Ewwel Qorti li ghal dan l-incident kellu jahti esklussivament u unikament l-istess Clint Vella kawza tas-sewqan eccessiv li kien qed isuq biha.

Ghalhekk mhux il-kaz illi tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti, kif ghalmet il-kawza "Il-Pulizija vs Carmelo Schembri" deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' April, 1995 *"hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ma*

*tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha*."

Din il-Qorti ghamlet l-apprezzament taghha w waslet ghall-konkluzzjoni illi l-Ewwel Qorti kienet ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha, ghalhekk mhux il-kaz illi dik id-deskrizzjoni tal-Ewwel Qorti tigi disturbata.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta` w tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------